qabel, hafna minn dawn id-devoti mxew tul it-triq il-qadima filwaqt li ġie reċitat ir-rużarju.

Apparti li tkantaw hafna innijiet marjani mill-kor preżenti u nstemghet silta b'lehen Ġuża Mifsud stess, il-laqgha kienet preseduta minn Mons. Isqof Adeodato Micallef li ghamel dan id-diskors ta' l-okkażżjoni:

"Ikun imfahhar Ġesu Kristu. Ghadna kif kantajna l-Innu "Ismaghha l-Ghanja" u ghidna dawn il-kelmiet, "f'kull naha mwarrba tal-gżira taghna hemm l-isem tieghek fil-blat miktub." X'isem tajniha hawnhekk lill-Madonna? Min taghna dan l-isem? Hija stess. Mela hawnhekk qeghdin f'dana il-post imwarrab, sa ċertu pont, fil-gżira taghna fejn hawn miktub l-isem tal-Madonna taht it-titolu "Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni." U dana t-titolu talbitu hija stess mhux hekk? Lil min?

### Xi tfisser konsagrazzjoni?

Tafu xi tfisser il-kelma konsagrazzjoni? Ghadni kif ghamilt xi ġimghatejn ilu fil-Knisja tas-Santissima Trinita tal-Marsa fl-okkazzjoni jew ahjar l-anniversarju tal-konsagrazzjoni jew dedikazzjoni tal-knisja li trid issir kull sena. Kull knisja hija konsagrata jew iddedikata u kull sena tiġi mfakkra din il-ġrajja, il-ghaliex il-knisja jew kull knisja tiġi konsagrata b'rit solenni u sabiex il-fidili ta' dik il-paroċċa, ta' dik il-knisja, jkunu jistghu jerġghu iġeddu mhux biss xi haġa li saret fil-ġebel tal-knisja jew fil-knisja bhala tempju tal-ġebel jew tal-conrete x'inhu, imma sabiex iġeddu wkoll il-konsagrazzjoni taghhom illi lkoll flimkien jiffurmaw knisja hajja.

Kristu Ġesu ġie kkonsagrat, ġie ddedikat, jiġifieri jinsab kollu kemm huwa, f'idejn Alla l-imbierek, huwa bhala offerta tieghu innifsu lil Alla l-Missier imbaghad sar ghodda f'idejn Alla l-Missier biex ikun jista' jaghmel dak li hu kien batu jaghmel fid-dinja. U ghalhekk il-konsagrazzjoni tieghu nistghu inqabbluha wkoll mal-konsagrazzjoni tal-Madonna, il-ghaliex il-Madonna wkoll tat lilha nfisha kollha kemm hija lil Alla l-imbierek, ... hija wkoll offriet lilha nfisha bhala persuna kkonsagrata lil Alla, ddedikata lil Alla il-ghaliex hija ġiet imdahhla minn Alla l-imbierek permezz ta' l-anġlu li habbrielha li kellha ssir omm Alla u hija accettat meta qalet, "hawn jien il-qaddejja tal-Mulej ikun minni skond kelmtek." Mela dahlet ghal din ir-responsabilta, il-committment tal-hajja taghha kollha kemm hija illi hija taghmel il-volonta u r-rieda ta' Alla l-Missier u kienet haġa wahda ma binha Ġesu, ghaliex kemm fil-konċepiment fil-ġuf verġinali taghha,



fit-twelid tal-Bambin Ġesu, fil-hajja mohbija ta' Ġesu ġewwa Nazaret - dawk kienu ġrajjiet kollha li ghaddiet minnhom il-familja ta' Nazaret, hi flimkien ma' Ġuzeppi u mat-tfajjel Ġesu, biex imbaghad hija tasal ukoll fil-mument l-aktar solenni tal-missjoni ta' binha Ġesu meta fuq il-Kalvarju huwa ta l-ahhar qatra ta' demmu ghalina u hemmhekk il-Madonna kienet haġa wahda f'dan kollu li ghamel binha Ġesu.

### Ġejna hawnhekk biex inġeddu l-imhabba taghna

Issa meta ahna nersqu lejn il-Madonna bhalma naghmlu kull meta ahna b'xi mod jew iehor bhalma qeghdin naghmlu f'dina llejla, ġejna hawnhekk biex inġeddu anki l-imhabba taghna lejn Alla, biex nigglorifikaw lil Alla u nitolbu, ahna qeghdin nitolbu lill-Madonna biex hija tghinna halli bhalma hija gglorifikat lil Alla bil-hajja taghha qaddisa hekk ukoll ahna nigglorifikaw bil-hajja taghna qaddisa. U ghalhekk il-Madonna lilna twassalna dejjem eqreb lejn Ġesu. Mela ahna niġu hawn jew immorru f'xi santwarju Malta jew xi mkien ġewwa Malta fejn isiru dawn il-laqghat jew inkella nsiefru, hafna minnkom isiefru u jmorru per eżempju Lourdes jew Fatima jew Medjugorje, hemmhekk ghalfejn? Biex nersqu aktar lejn Ġesu.

Huwa ghalhekk li hija tmexxina, tohodna minn idejna sabiex taht il-protezzjoni taghha u mwieżna wkoll mill-interċessjoni taghha ahna nkunu nistghu verament nersqu dejjem qrib hafna ta' binha Ġesu. Pero hemm kundizzjoni wahda, illi ahna nghixu l-misteri taghha fi Kristu Ġesu, dak li ghidtilkom qabel li ahna ma nistghux nifirdu lil Vergni Mqaddsa, ghax din hija l-volonta t'Alla, minn Sidna Ġesu Kristu.

### Ahna kkonsagrati lil Alla bil-maghmudija

Issa dina kkonsagrat lilha nnifsa u tixtieq li dan it-titolu illi hija holqot jiehu aktar konsistenza u sinifikat, nistudjaw fil-profondita is-sinifikat ta' din il-kelma "Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni". Issa kull wiehed u wahda minna hawnhekk miġburin ahna kkonsagrati lil Alla bil-maghmudija u ghalhekk ahna ta' kull sena nġeddu l-weghdiet taghna tal-maghmudija, u kull darba li b'xi mod jew iehor nattendu s-sagrament tal-maghmudija, dawk li jkunu preżenti wkoll inġeddu l-fidi taghna.

Issa meta nghidu konsagrazzjoni, anki jiena, anki intom, kull wiehed u kull wahda minnkom skond l-istat taghkom intom iddedikati, ikkonsagrati



lil Alla – fis-sagrament taż-żwieġ, fil-hajja tal-familja, fl-impjieg taghkom, fix-xoghol taghkom, fil-professjoni taghkom, kif jiena wkoll ikkonsagrat lil Alla bhala reliġjuz, bhala saċerdot u bhala Isqof aktar tard minghajr ma kien jisthoqqli naturalment, imma dan ghaliex ahna niftakru li ahna xi haġa li nappartjenu lil Alla, Alla ghandu dritt fuqna. U d-dritt li ghandu fuqna ahna rridu nonorawh u nonorawh kemm-il darba ahna naghmlu l-volonta tieghu fuqna u nkunu nistghu inwettqu d-doveri ta' l-istat taghna. Jiġifieri din hi l-veru devozzjoni lejn il-Madonna, mhux biss bil-kelma li nghidu, affarijiet sbieh u rridu naghmluhom dawn, imma l-aktar bil-hajja taghna biex nuru verament li ahna ulied Alla l-imbierek li huwa ghalina Missier, ahna ulied adottivi tieghu, li ahna ahwa fi Kristu, li Kristu huwa huwna kbir u li ahna anka it-tfal tal-Madonna.

F'dan ix-xahar ta' Mejju hemm hafna okkażżjonijiet illi nġedduhom dawna l-hsibijiet, fit-8 ta' Mejju, ghandna l-festa 'ghajnuna ta' l-insara', ghandna l-*Mother's Day*, u l-Madonna hija 'Omm il-Knisja', Omm ta' kull wiehed u wahda minna. Allura dawna jghinuna dawn id-dati kollha, dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, biex verament inkunu nistghu inqawwu fina din il-presenza ta' Alla fina. U din hija l-akbar dinjita li l-bniedem qatt jista' jkollu, li huwa jkun haġa wahda mal-Hallieq tieghu, ma' Alla...

Nitolbu l-ghajnuna kif tlabna diġa lill-Madonna halli tkompli tghinna lilna personalment, individwalment, lill-familji taghna, lill-pajjizna, lill-Knisja Universali biex flimkien ma' l-insara tad-dinja kollha inkunu nistghu b'xi mod intejbu s-sitwazzjoni kerha li ghaddejja minna d-dinja ta' żminijietna. Ikun imfahhar Ġesu Kristu."

Il-laqgha ġiet konkluża biċ-ċerimonja tal-qanpiena, it-talb lil San Ġużepp u San Mikiel u l-barka minn Mons. Isqof Micallef. Laqgha li fiha tlabna flimkien, irringrazzjajna u fahharna lil Alla flimkien u ghal hafna ġabet bosta memorji sbieh.

**Sylvana Spiteri LL.D**

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu sopran-naturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



## L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Fil-laqgha ta' l-20 ta' Settembru 2009, fil-Girgenti ser issir l-Assemblea Ġenerali biex tahtar Kumitat ġdid ghas-snin 2009 - 2012.

Ghaldaqstant, dawk li jhossu li jistghu b'dedikazzjoni jahdmu bhala membri tal-Kumitat, ghall-ġid tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, ghandhom jippreżentaw ruhhom bhala kandidati. Dawk interessati ghandhom jikkuntattjaw lis-Segretarja jew lil xi membru iehor tal-Kumitat sabiex jimlew il-formoli neċessarji li ssussegwentament jiġu approvati mill-Kumitat. Dawn l-applikazzjonijiet ghandhom jaslu ghand il-Kumitat mhux aktar tard mis-7 ta' Settembru 2009.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixhet il-harsa tieghek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tieghek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfahhrek u filwaqt li niżżik hajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni taghha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlaghli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. Glorja lill-Missier...

## GRAZZJI MAQLUGħA

Żagħżugħ qasam maghna din l-esperjenza ta' hajtu: Nixtieq naqsam dawn l-esperjenzi ta' hajti sabiex inkun ta' kuraġġ u ta' ghajnuna ghall-haddiehor.

Jiena trabbejt f'familja tajba u l-ewwel snin ta' hajti ghaddejthom b'mod seren, bhal kull tifel normali kont mmur l-iskola, l-museum u niffrekkwenta s-sagramenti.

Iżda ta' dsatax-il sena iċċappast mad-droga. Fittixtha jien stess sabiex nesperimenta. Ghall-ewwel kont inhoss li qed naghmel xi haġa hażina, iżda maż-żmien mewwitt it-tniggiż tal-kuxjenza. Lil ommi u missieri inkwetajthom hafna imma bdejt infittex biss il-pjaċir tieghi innifsi. Madankollu l-ġenituri u anka huti, qatt ma keċċewni 'l barra, dejjem kienu lesti jaghtuni l-ghajnuna u jitolbu ghalija sabiex nerġa naqbad it-triq it-tajba. Peress li kelli

bżonn il-flus għad-droga bdejt inbiegħ id-droga jien stess. Għall-ewwel kelli ftit rimorsi iżda mbagħad bdejt nirraġuna li jekk ma jixtrux minn għandi ser jixtru mingħand ħaddieħor. Madankollu nista' ngħid li qatt ma eskludejt kompletament lill-Madonna minn ħajti, xorta kont nitlob l-għajnuna tagħha. Kont nitlobha biex tħarisni u nitlob ukoll għall-familja tiegħi. Kelli santa tal-Madonna kont inżommha dejjem fuqi. Nista' ngħid li minkejja l-ħajja li kont qed ngħix, dejjem sibt l-għajnuna tal-Madonna. Filfatt, għalkemm ġieli tant kont inkun mitluf bid-droga li kont anka nintelaq fuq l-isteering waqt li nkun insuq jew ikolli alluċinazzjonijiet, iżda la qatt korrejt jien u lanqas qatt korrejt lil ħaddieħor.

Ħriġt ma ħafna tfajliet, kont nagħmel dan biss għall-pjaċir u kont nibdel tfajla kull ftit jiem. Iżda mbagħad iltqajt mat-tfajla li għandi llum. Hi kienet taf li jiena kont nieħu d-droga, kienet tibża tgħidli biex ma nibqax noħodha għax kellha ħafna grazzja miegħi iżda mbagħad mal-ħin bdiet tħeġġiġni biex naqtagħha. Meta konna noħorġu flimkien, il-"ħbieb" tiegħi kienu jħajjruha biex tibda tieħu d-droga hi wkoll imma jiena dejjem ħassartilha. Wara xi xhur it-tfajla qaltli li ħarġet tqila.

Kien żmien diffiċli ħafna, kelli ħafna taqbidiet miegħi innifsi, ridt naqta' d-droga, xtaqt nibda naħdem u fuq kollox xtaqt nagħti trobbija tajba lit-tarbija. Bdejt nistinka kemm niflaħ u nitlob l-għajnuna tal-Madonna. Xtaqt naqta' d-droga mingħajr ma nagħmel ebda programm u għalhekk l-ewwel li għamilt kien li naqta' l-ħbieb li kelli. Nerġa ngħid li kien żmien diffiċli ħafna, it-taqbid fiha nnifsi ma waqafx imma kont determinat li ma nċediex.

Żidt it-talb u bdejt ngħid ir-rużarju. Imbagħad bdejt inħoss bħal biża kbir, ma nafx minn fejn kien ġej iżda ridt niġġieled lil dan is-sens ta' biża u ħassejt li għandi anka mmur inqerr u li nibda naqra l-Bibbja sabiex nitgħallem ngħixha. Sibt saċerdot li għinni ħafna u għamilt ħafna kuraġġ.

Meta t-tfajla welldet it-tifla komplejt dejjem insaħħaħ id-determinazzjoni tiegħi li rrid nibqa' sod u ma' naqa' għall-ebda tentazzjoni. Dejjem nitlob għall-għajnuna lill-Madonna u anka lill-Ispirtu Qaddis sabiex jgħinni nagħraf it-triq tiegħi u jagħtini l-qawwa biex nikkumbatti. Sadanittant kont bdejt naħdem xogħol part time, xi nofs ta' nhari filgħodu. Għall-ewwel kien iebes ħafna li qed naħdem taħt il-kontroll ta' ħaddieħor, iżda kont deċiż li nibqa' miexi 'l quddiem. Irnexxieli nsib xogħol ieħor filgħaxija. Din ukoll kienet grazzja oħra għax ġara li kont kellimt lil din il-persuna biex ngħidlu li jekk ikollu bżonn lil xi ħadd iċempilli. Ħa n-numru tiegħi qisu aktar biex ma jiksirnix iżda Alla ried li sagħtejn wara ċempilli biex jara rridx nibda xogħol filgħaxijiet. Dak inhar ma stajtx nibda għax kont għand it-tabib bit-tifla iżda bdejt xogħol l-għada.

Peress li nhar ta' Tnejn ma nkunx xogħol, inħobb immur nitlob fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħerba fejn hemm inkwadru kbir tal-Madonna b'Ġesu f'idejha. Għalkemm għalissa ma nistax nitqarben, iżda mmur il-quddies kull nhar ta' Ħadd. Ma għadnix nitlob biss



għalija u għall-familja tiegħi, iżda għal kulħadd u nitlob aktar għall-bżonnijiet tar-ruħ milli tal-ġisem. Nixtieq li dak li tgħallimt u akkwistajt jien ngħaddih lil ħaddieħor. Naf li ma nistax insalva d-dinja, imma fejn nara l-opportunita li ngħin lil xi ħadd ma noqgħodx lura, il-kuxjenza ma' tħallinix.

Bil-mod il-mod inħoss li qiegħed dejjem aktar nimmatura fil-ħajja spiritwali tiegħi. Huwa proċess iebes u jieħu fit-tul imma qatt ma qtajt qalbi għax dejjem inħoss l-għajnuna tal-Madonna. Bqajt negħleb kull tentazzjoni, iżda tfaċċat problema ġdida. Bdejt nisma' bħal dagħa, jiena qatt ma dagħajt u nkwetajt ħafna meta f'moħħi kienu qed jiġuni tant titoli koroh fuq il-Madonna eċċ. li tant kont inħobb. Komplejt nitlob u ħassejt bħal xi ħaġa ġewwa fija tgħidli biex ma nibżax għax dawk il-ħsibijiet mhux minni ġejjin. Meta erġajt mort il-knisja tal-Ħerba rajt il-fuljett Leħen il-Girgenti. Mid-data kien ilu li ħareġ għax kien ta' l-2007 iżda l-kliem li kien hemm fih li "x-xitan jipprova jisraqilna il-presenza ta' Kristu minn qalbna" kien proprju r-risposta għal dak li dak il-ħin kont qed inħoss. Dan il-kliem imlieni b'kuraġġ kbir u u kompla jissodani fid-determinazzjoni li diġa kelli li ma nċediex.

Ridt inkompli nimmatura fil-Mulej. L-ittri ta' San Pawl għenuni ħafna. San Pawl fl-ittra lil Korintin jgħid, "Tqegħditni xewka f'ġismi, messaġġiera tax-xitan, biex toqgħod tniggiżni ħalli ma nintefaħx. Fuq hekk tliet darbiet tlabt il-Mulej biex hi titbiegħed minni. Iżda hu weġibni: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef." Nirrikkonoxxi li jiena dgħajjef u għax dgħajjef nagħmel ħilti biex indur lejn il-Mulej Ġesu għax is-saħħa vera tinsab fil-Mulej Ġesu u mhux f'li taf toffri d-dinja.

Jiena nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna għal dak kollu li għamlu f'ħajti. Issa għandi ħamsa u għoxrin sena u dalwaqt niżżewweġ. Għandi seba' mitt sena biex inħaddan is-sagrament taż-żwieġ sabiex bħala familja jkollna l-milja tal-grazzja ta' Kristu.

Ċertifikati tal-fejqan tiegħi ma għandix, imma l-grazzji spiritwali u s-sejħiet li għarfitni Ommna Marija kienu kbar biżżejjed għalija li minn ħajja ħażina ħafna, bdejt ngħix ħajja ġdida maqgħud ma' Binha u Sidna Ġesu Kristu. Persważ minn Ommna Marija, li hija tassew l-Avukata u d-Difensura tagħna, u li l-ewwel pass dejjem tagħmilhulna hi.

Il-messaġġ tiegħi kemm lejn dawk li huma mwaqqgħin f'xi vizzju kif ukoll lill-ġenituri tagħhom huwa dan: taqtgħux qalbkom. Itolbu u afdaw f'Alla. Ġesu stess jgħid, "min jitlob jaqla, min ifittex isib u min iħabbat jiftħulu." Forsi mhux dejjem naqalgħu dak li nitolbu iżda żgur li naqalgħu dak li fl-għerf ta' Alla huwa ta' l-akbar ġid għalina. Grazzi Madonna li dejjem bqajt tħobbni u qed tressaqni għand ibnek Ġesu. Kompli għin lili u lill-proxxmu kollu biex nibqgħu sodi quddiem it-tiġrib tal-ħajja.



# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Lulju 2009 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Awissu 2009 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 6 ta' Settembru 2009 fis-6.00pm
   Il-Ħadd 17 ta' Settembru 2009 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Ottubru 2009 fil-5.00p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud. Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, keychains, DVDs u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 79 LULJU 2009 JITQASSAM BLA ĦLAS



l-Isqof Micallef waqt il-laqgħa ta' Mejju 2009

## TFAKKAR IT-TLIETA U GĦOXRIN ANNIVERSARJU

Il-Ħadd 3 ta' Mejju 2009 ra mijiet ta' devoti li bi ħġarhom telgħu il-Girgenti sabiex flimkien ifakkru t-tlieta u għoxrin anniversarju minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna hemmhekk. Sabiex tiġġedded il-memorja tat-triq li minnha kienet ġiet mgħoddija l-istatwa tant snin